XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 423*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 51*
*L-Erbgħa 23 ta' Marzu, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.10pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 422 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-38**

**2. Triq il-Mitħna - Roundabout**

Il-Kunsill qabel li għadda ħafna żmien u l-marki tat-traffiku tar-roundabout u madwarha ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ġewx irranġati kif mitlub. Il-Kunsill qabel li jridu jsiru d-double yellow lines u r-roundabout trid tinżel ftit l-isfel u tersaq ftit lejn n-naħa tar-Rabat. It-Transport Malta u l-Ministeru Għal Għawdex kellhom jagħmlu dan ix-xogħol iżda għal xi raġuni għadu ma sar xejn bil-konsegwenza li hemm periklu kbir li jsir xi nċident ikrah. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lil Ruben Said (Transport Malta) biex jinfurmana għalfejn dawn għadhom ma sarux. Is-Sindku kkuntattjat lil Ruben Said dak il-ħin stess. Huwa qallha li 'għada li jipprova jara li dawn isiru'. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jinsisti biex jara li dawn isiru.

*(F'dan il-ħin, is-7.00pm, il-Viċi Sindku daħal fl-Uffiċċju tal-Kunsill)*

**3. Latrina Pubblika – fi Pjazza San Ġwann Battista**

Il-Perit Saliba kien preżenti f'dan il-ħin tal-laqgħa. Il-Perit Saliba nforma lill-Kunsill li l-MEPA kienu talbu li jsir xi tibdil fil-pjanta dwar il-latrina fi Pjazza San Ġwann Battista. Huwa diġa għamel l-emendi biex jirriflettu t-tibdil li talbet il-MEPA. Dawn ġew diskussi flimkien mal-Kunsill fejn saru xi suġġerimenti oħra. Għalhekk il-Perit għandu jinkludi l-proposti li saru u jipproċedi biex napplikaw għall-permess tal-MEPA. Biex inkunu nistgħu nipproċedu irid isir ħlas lill-MEPA ta' €2045.75. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan il-ħlas.

**4. Recreational Area – fi Triq Manwala (HOS Tal-Barmil)**

Il-Perit Saliba spjega lill-Kunsill l-pjanta li huwa kien għamel dwar r-recreational area biex tiġi żviluppata fi Triq Manwala, fl-inħawi tal-HOS tal-Barmil. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-pjanta u saru diversi proposti. Il-Perit għandu jagħmel l-emendi fuq il-pjanta u wara jibgħatha lill-MEPA biex jibda l-proċess għall-permess. Il-Kunsillier Teddy Mizzi staqsa ta' min hi l-art in kwistjoni peress li kellu nformazzjoni li jista' jkun li parti minnha hija tal-privat. Il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet biex nivverifikaw dwar dan. Għalhekk il-Perit ġie mitlub biex jagħtina pjanta (site plan) li tindika l-art eżatt fejn ser isir dan ir-recreational area u b'hekk minn naħa tal-Kunsill ikun jista' jibgħat lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jagħtih l-informazzjoni meħtieġa.

**5. Kiosks tal-Festa**

David Azzopardi u Carmelo Xuereb kienu preżenti f'isem Il-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert. Dwar dan is-suġġett il-Kunsill irċieva diversi korrispondenza kemm minn għand l-għaqda msemmija kif ukoll minn għand residenti li joqgħodu fejn jarmaw il-Kiosks tal-Festa. Huma qed joġġezzjonaw li l-Kiosks jarmaw fi Triq San Bert. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert li l-Kiosks jibdew jarmaw fi Triq Ġużè D'Amato. Għalhekk ser isiru l-avviżi fil-gazzetta tal-Gvern biex is-sidien kollha tal-Kiosks li jarmaw matul il-jiem tal-festa tax-Xewkija jkunu nfurmati li minn din is-sena se jkunu allokati sit ġdid fejn jarmaw. Il-Kunsill qabel li jara min huwa nteressat li jarma l-kiosk tiegħu u wara jittellgħu bix-xorti kif ser joqgħodu wara xulxin skond l-ispazju li hemm fit-triq imsemmija.

**6. Kwotazzjoni dwar xiri ta' Cold Asphalt**

Sal-ħin tal-għeluq fil-kaxxa tal-offerti ntefgħu żewġ offerti li huma ta' Gatt Tarmak Ltd (€62) u ta' Road Constructions Ltd (€65). Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi aċċettata l-irħas offerta u li hija ta' Gatt Tarmak Ltd.

**7. Kwotazzjonijiet dwar xogħol ta' patching**

Is-Sindku talbet li qabel tirtira peress li f'dawn il-kwotazzjonijiet kellha interess pekunjarju, tagħmel dan il-kumment. Is-Sindku qalet li l-Kunsill meta jiġi biex jagħżel l-aħjar kwotazzjoni għandu jieħu nkonsiderazzjoni li l-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol is-sena l-oħra, kellu kontijiet għoljien ħafna. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li huwa wkoll kien innota li kienu għoljin. Is-Sindku qalet ukoll li jagħmel iktar sens li l-offerti jittieħdu minn kuntratturi differenti milli mill-istess kuntrattur. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li mportanti li min jintgħażel, trid issir sorveljenza tal-ħinijiet waqt li jkun qed isir ix-xogħol ta' patching u b'hekk ma jkunx hemm problemi li l-kontijiet ma jkunux jirriflettu x-xogħol li jkun sar.

*(F'dan il-ħin is-Sindku ħarġet mill-kamra tal-laqgħat peress li ddikjarat li għandha nteress pekunjarju)*

**Għall-kwotazzjoni 2011-03a** dwar kiri ta' trakk inkluż ix-xufier intefgħu tlett offerti li huma ta' GV Gozo Development Ltd (€18), ta' Gatt Tarmak Ltd (€19.75) u ta' Joseph Magro (€15.00). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn ir-rati. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li għandha tiġi aċċettata l-irħas offerta. Il-Viċi Sindku qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsillier Hubert Saliba astjena. Għalhekk b'żewġ voti favur u astensjoni, il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni ta' Joseph Magro (€15.00) għandha tiġi aċċettata.

**Għall-kwotazzjoni 2011-03b** dwar kiri ta' romblu nkluż ix-xufier intefgħu tlett offerti li huma ta' GV Gozo Development Ltd (€18), ta' Gatt Tarmak Ltd (€19.75) u ta' Joseph Magro (€15.00). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn ir-rati. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li għandha tiġi aċċettata l-irħas offerta. Il-Viċi Sindku qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsillier Hubert Saliba astjena. Għalhekk b'żewġ voti favur u astensjoni, il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni ta' Joseph Magro (€15.00) għandha tiġi aċċettata.

**Għall-kwotazzjoni 2011-03c** dwar servizz ta' ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta' patching intefgħu tlett offerti li huma ta' GV Gozo Development Ltd (€8), ta' Gatt Tarmak Ltd (€7.55) u ta' Joseph Magro (€10.00). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn ir-rati. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li għandha tiġi aċċettata l-irħas offerta. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Hubert Saliba qablu ma' din il-proposta u għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li l-kwotazzjoni ta' Gatt Tarmak Ltd (€7.55) għandha tiġi aċċettata.

Il-Kunsill reġa' enfasizza dwar l-importanza li ssir sorveljanza tax-xogħol meta jkun qed isir u b'hekk ma jkunx hemm problemi.

*(F'dan il-ħin is-Sindku daħlet fil-kamra tal-laqgħat)*

## <u>8. Measure 313 – Ġnien ta' Blankas</u>

Il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu dwar fondi mill-Unjoni Ewropeja taħt il-program ERDF Measure 313 kienet ġiet aċċettata. Il-Kunsill ser jingħata €77,047 biex ikun jista' jwettaq xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ u restawr tal-kamra li hemm fl-istess Ġnien Ta' Blankas. Is-Sindku nfurmat li qabel tittieħed deċiżjoni jekk għandnix niffirmaw dan il-ftehim il-Kunsill għandu jikkonsidra x'inhu l-aħjar li jsir. Is-Sindku qalet li bħalissa hemm applikazzjoni oħra taħt l-istess programm. Il-Kunsill jista' jagħmel applikazzjoni ġdida u japplika għall-aktar fondi biex iwettaq dan il-proġett. Taħt din l-iskema jkun jista' jieħu 100% finanzjament sa massimu ta' €400,000. Fis-sejħa għall-applikazzjonijiet li ħarġet bħalissa jistgħu japplikaw ukoll mill-privat iżda jieħdu 50% tal-finanzjament. Il-Kunsill jekk jaċċetta li jiffirma l-ftehim biex jieħu s-€77,047 ma jkunx eliġibbli biex jitfa' applikazzjoni oħra li ħarġet issa. Dan għar-raġuni li biex wieħed ikun eliġibbli li japplika taħt din it-tieni sejħa, irid jew ma jkunx ħa fondi taħt l-ewwel sejħa jew jekk ikun diġa ħa fondi taħt il-programm M313, irid ikun lesta l-proġett. Għalhekk peress li aħna ġejna nfurmati proprju issa li l-applikazzjoni tagħna (li kienet fuq ir-reserve list) ġiet aċċetta, l-proġett irid jieħu madwar sena/sentejn biex jitlesta. Għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jaċċettax li jiffirma l-ftehim u jieħu s-€77,047 jew inkella jirrifjuta li jiffirma u jitfa' applikazzjoni mill-ġdid fejn anke jitlob għall-aktar fondi. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dan u qabel li għandna niffirmaw il-ftehim u nieħdu s-€77,047. Il-Kunsill ikkonsidra l-fatt li jekk issir applikazzjoni ġdida tista' ma tiġix aċċettata u għalhekk nibqgħu b'xejn. Il-Kunsill ikkonsidra wkoll li jekk iż-żmien biex tiġi deċiża l-applikazzjoni

ddum daqs kemm damet l-ewwel waħda, iridu jgħaddu aktar minn sentejn oħra biex il-Kunsill jingħata l-fondi, dejjem jekk l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet aċċettata.

Is-Sindku pproponiet li għandna niltaqgħu ma' Gozo Cottage biex niddiskutu magħhom il-ftehim li kien sar dwar il-Ġnien Ta' Blankas. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma' Gozo Cottage.

**9. Eko Għawdex**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet korrispondenza fejn infurmawha li l-applikazzjoni dwar proġetti favur Eko Għawdex se jerġgħu jinfetħu għal dawk il-Kunsilli li ma kienux applikaw jew li kellhom l-applikazzjoni tagħhom mhux aċċettata. B'hekk jingħata ċans li kull Kunsill jaħdem fuq proġett favur Eko Għawdex. L-applikazzjonijiet se jinħarġu mill-Ministeru Għal Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta dwar xi proġetti jista' japplika għalihom. Saret proposta dwar bini ta' ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi mhux urbana. Is-Sindku pproponiet ukoll li nistgħu napplikaw biex jinfetaħ xelter jew li jsiru l-bankini tal-HOS tal-Ħamrija.

F'dan il-ħin is-Sindku pproponiet ukoll li napplikaw biex il-Mitħna tiġi restawrata. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Peress li l-Mitħna trid tiġi devoluta l-Kunsill qabel unanimament li għandna nipproċedu biex nitolbu għad-devoluzzjoni tal-Mitħna.

**10. Materja oħra**

i. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li parti żgħira mill-banikina fi Triq Sant'Elizabetta (fejn tat-Toolmart) għandha bżonn titranġa. Il-Kunsill qabel li x-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

ii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Pauline Xerri u Publia Xerri kienu nfurmawh li ma jistgħux jibqgħu jiġu jnaddfu l-uffiċċju tal-Kunsill u l-Librerija Pubblika. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet biex ikun jista' jsir it-tindif kemm tal-Uffiċċju tal-Kunsill u kif ukoll tal-Librerija Pubblika.

iii. Joseph Pace li joqgħod fi Triq Majmuna talab biex isiru sinjali sofor fl-istess triq kantuniera ma' Trejqet Taċ-Ċnus. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tat-Traffiku biex dawn ikunu jistgħu jsiru.

iv. George Azzopardi tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mgarr ix-Xini nforma lill-Kunsill li l-iskav ta' din is-sena ser isir bejn is-17 u t-30 ta' Lulju fl-inħawi magħrufa bħala tal-Loġġa. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet dwar akkomodazzjoni għall-istudenti li jieħdu sehem meta jkun qed isir l-iskav.

v. Il-Kunsillier Hubert Saliba ssuġġerixxa li teħel mera tat-traffiku fi Triq Sant'Indrija kantuniera ma' Triq is-Salib. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tat-Traffiku biex din tkun tista' ssir.

**11. Skema Speċjali dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu dwar skema speċjali dwar proġetti ta' enerġija alternattiva (Memo10/2010) kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill ser ikun qed jingħata €7,200 minn din l-iskema. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lill-Inġinier Jonathan Scerri ta' Econing Engineering Consultancy Ltd sabiex jipprepara d-dokumenti biex inkunu nistgħu noħorġu l-offerta għal xiri ta' PV's biex jiġu nstallati fuq il-bini tal-Uffiċċju tal-Kunsill. Meta kienet saret l-applikazzjoni msemmija hawn fuq, l-Inġ. Scerri diġa kien ta lill-Kunsill l-informazzjoni u speċifikazzjonijiet meħtieġa biex setgħet issir l-istess applikazzjoni.

**12. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Mro Colin Attard informa lill-Kunsill li d-data tentattiva biex issir l-attivita fix-Xewkija dwar il-'Gaulitana - Festival of Music' hija l-5 ta' Mejju. Wara li saret komunikazzjoni permezz tal-emails, is-Sindku kienet nfurmat lil Mro Colin Attard biex l-attivita ssir f'data oħra. Il-Kunsill għad m'għandux id-deċiżjoni finali dwar meta ser ssir l-attivita. Kif ikolna deċiżjoni finali, il-Kunsill ser jagħmel l-avviżi meħtieġa dwar l-istess attivita.

ii. Glenn Bugeja (mill-MRRA) informa lill-Kunsill dwar konferenza li qed issir dwar l-Earth Hour 2011 li se tiġi organizzata nhar is-Sibt 26 ta' Marzu. Il-Kunsill kien diġa qabel li għandu jieħu sehem f'din l-attivita fejn se jintfew id-dwal dekorattivi tal-playing fields u postijiet oħra. Il-Kunsill qabel li għandna ngħidu lil Donald Camilleri sabiex jieħu ħsieb li jitfi/jixgħel dawn il-postijiet.

iii. Carmel Camilleri f'isem Puttinu Cares informa lill-Kunsill dwar attivitajiet li mistennija jsiru bejn is-7 u t-8 ta' Mejju biex jinġabru flus għal din l-Fondazzjoni. Qed jiġi suġġerit biex waħda mill-attivitajiet issir fix-Xewkija. Fil-fatt is-Sindku diġa kellha laqgħa ma' membri li qed jorganizzaw l-attivitajiet fejn ġie diskuss x'attivita tista' ssir fix-Xewkija. Għal-laqgħa kienu attendew Michael Saliba, Charlie Gauci u Joe Louis Sciberras minn naħa ta' Puttinu Cares filwaqt li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew minn naħa tal-Kunsill. Matul dik il-laqgħa l-organizzaturi tal-attivitajiet għall-ġbir ta' fondi għall-Puttinu Cares pproponew li ssir wirja taż-żwiemel fix-Xewkija. Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-attivita u qabel li għandna ngħinu biex din l-attivita tkun tista' ssir. Għalhekk is-Sindku se tagħmel ukoll kuntatti ma' Charlie Azzopardi biex din l-attivita tkun tista' ssir.

iv. Clifford Vella nforma lill-Kunsill dwar ktieb li huwa ppubblika bl-isem 'Ta' Kola Windmill, the best preserved windmill in Gozo'. Huwa qed joffri dan il-ktieb lill-Kunsilli Lokali għal prezz ta' €6.95. Il-Kunsill qabel li nordnaw żewġ kotba.

v. Mohammed Malik ta' Henley Media Group informa lill-Kunsill li jista' jsir feature ta' paġna jew tnejn fil-'2011 Commonweath Minister Reference Report'. Dan il-feature jkun jiswa £8950. Il-Kunsill ma qabilx li għandna nipparteċipaw f'dan ir-rapport peress li l-ispejjeż huma għoljin ħafna.

vi. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar it-tielet konferenza għas-Sindki dwar il-programm Hence li ser issir fit-28/29 ta'Marzu.

vii. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-Laqgħa għas-Sindki li ser issir fl-20/21 ta' Mejju.

viii. Edgar Chircop mill-Greenpak informa lill-Kunsill dwar il-ftehim li kien sar bejn iż-żewġ naħat dwar il-'bring in sites' u 'door to door collection' ta' skart separat. Peress li l-ftehim jagħlaq f'April huwa qed jipproponi li l-istess ftehim jiġġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel li għandna nġeddu dan il-ftehim.

ix. Dan l-aħħar għaddiet diversi korrispondenza dwar ix-xogħlijiet li mistennija li jibdew fi Triq Mgarr. Charles D'Alfonso mit-Transport Malta għandu jinforma lill-Kunsill meta l-istess awtorita' jkollha aktar dettalji dwar ix-xogħlijiet f'din it-triq b'mod speċjali dwar ir-roundabout fl-inħawi tal-Barmil HOS u anke dwar id-devjazzjoni tat-traffiku sakemm ikun qed isir ix-xogħol.

x. Is-Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xewkija bagħat l-informazzjoni dwar il-monument li ser isir biex ifakkar il-150 anniversarju mill-ftuħ tal-ewwel skola fix-Xewkija. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan il-monument u qabel li għandna ngħinu biex dan ikun jista' jsir. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona li jkellem lis-Surmast biex jiddiskuti miegħu u jsir monument differenti minn dak propost. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Hubert Saliba għandu jikkomunika mas-Surmast biex jiġi deċiż kif ser isir il-monument.

xi. George Azzopardi (Segretarju tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mgarr ix-Xini) informa lill-Kunsill li l-istima biex isiru l-coring fil-wied ta' Mgarr ix-Xini titla għal madwar €2000. Il-Kunsill qabel li għalissa dawn ma jsirux. Meta joħorġu skemi speċjali, napplikaw biex nieħdu fondi u b'hekk jekk l-applikazzjoni tagħna tkun aċċettata dawn ikunu jistgħu jsiru mingħajr ma jkunu ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

xii. Il-Kunsill iddiskuta dwar id-diversi korrispondenza li għaddiet bejn id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali u l-Kunsill tagħna dwar xogħlijiet ta' resurfacing ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP. Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħat il-Kunsill issa beda jaħdem biex il-kuntrattur jibda x-xogħol. Kien jonqos li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tgħaddilna l-istimi tax-xogħlijiet konnessi mas-servizzi tal-ilma. L-istima hija ta' €33,858.99. Minn naħa tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali se jħallas lill-Kunsill nofs dawn l-ispejjeż u għalhekk il-Kunsill irid joħroġ in-nofs l-ieħor. Is-Sindku pproponiet li nitolbu sabiex il-Kunsill jingħata 75% tal-ispejjeż u mhux 50%. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li saret riċentament dwar l-iskema speċjali dwar proġett għall-Enerġija Alternattiva, l-Onor. Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, stieden lill-Kunsilli Lokali biex minn huwa nteressat japplika għat-tieni 'batch' ta' toroq taħt l-iskema PPP jista' jagħmel dan minn issa. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-possibilta u qabel li peress li diġa għandna l-offerta magħżula għal xogħlijiet ta' toroq li huma Triq Kraba, Triq San Duminku, Triq is-Salib, Triq Sant'Indrija u Trejqet Kraba għandna napplikaw biex dawn ukoll jiġu nklużi taħt l-iskema tal-PPP u b'hekk il-Kunsill ikun qed jiksi b'kollox għaxar toroq. Peress li fi Triq Kraba u Trejqet Kraba diġa beda x-xogħol b'konnessjoni mas-servizzi tal-ilma,

il-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima tal-ispejjeż involuti minn naħa tal-WSC dwar it-toroq l-oħra u b'hekk ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet fi żmien qasir.

*(F'dan il-ħin, l-9.45pm, il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li ma jistax ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

xiii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hi attendiet għal-laqgħa tal-Meusac dwar il-programm Intelligent Energy Europe (IEE). Il-Kunsilli qed jiġu mħeġġa biex japplikaw biex jieħdu sehem f'dan il-programm. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem u qabel ukoll li għandna nappuntaw lis-Sindku ta' Ħal Tarxien bħala r-rappreżentant tal-grupp.

xiv. L-AKL infurmat lill-Kunsilli dwar il-proġett 'Europe for Citizens' fejn qed jiġu mistiedna tlett żgħażagħ biex jipparteċipaw. Il-Kunsilli Lokali huma mitluba jinnominaw żgħażagħ mil-lokalitajiet tagħhom biex finalment jiġu magħżula tlieta.

xv. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar korrispondenza u anke laqgħat li hija kellha mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru Għal Għawdex, is-Sur Joe Scerri, dwar il-Librerija Pubblika tax-Xewkija. Il-Kunsill għadu jinsisti biex jitkompla x-xogħol fil-kamra li ġiet estiża mal-kamra li diġa kien hemm u anke tinbena kamra biex tintuża għall-faċilitajiet sanitarji. Għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet u s-Sindku mistennija li jkollha aktar laqgħat dwar dan is-suġġett.

xvi. Narcy Calamatta, Direttur ta' Zararti Foundation, informa lill-Kunsill dwar possibilta biex l-kumpanija tiegħu ittella' kummiedja fix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li meta jkolna xi attivita u din tkun tista' tiġi inkluża fil-programm ta' attivitajiet, nikkonsidraw l-offerta tas-Sur Calamatta.

xvii. Godwin Grech, Surmast tal-MCAST talab biex issir Bus Stop fi Triq Ħamrija fejn l-istess skola. Il-Kunsill qabel li ngħaddu dan is-suġġeriment lill-Transport Malta.

xviii. Is-Segretarju fakkar lill-Kunsill dwar l-appell li għandna mal-MEPA nhar il-Ġimgħa 15 ta' April dwar il-Waste Transfer Station. Peress li għadhom għaddejjien id-diskussjonijiet mal-Wasteserv Ltd fejn is-Sindku għandha tiltaqa' mal-Ing. Vince Magri fi ftit jiem oħra, il-Kunsill qabel li l-appell jibqa' għas-smigħ u jiġi differit.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.10pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' April, 2011 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA

# Skeda ta' Pagamenti

Data: 23.03.2011 Nru: 6-38

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont Euro | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Sala/Play/Avviżi etc. (Karnival) | Arċipriet C. Mercieca | 200.00 | 8490 |
| 2 | Judge Karnival | Joe Schembri | 25.00 | 8491 |
| 3 | Judge Karnival | Joseph Sagona | 50.00 | 8492 |
| 4 | Judge Karnival | John Haber | 50.00 | 8493 |
| 5 | Compare Karnival | Maureen Attard | 50.00 | 8494 |
| 6 | Danza Karnival | Jennifer Attard | 70.00 | 8495 |
| 7 | Danza Karnival | Gozo College Nadur Primary | 70.00 | 8496 |
| 8 | Danza Karnival | St. Francis School | 70.00 | 8497 |
| 9 | Danza Karnival | Marita Caruana | 300.00 | 8498 |
| 10 | Danza Karnival | Josephine Farrugia | 120.00 | 8499 |
| 11 | Danza Karnival | Soċjeta Filarmonica Leone | 80.00 | 8500 |
| 12 | Danza Karnival | Christian Saliba | 100.00 | 8501 |
| 13 | Danza Karnival | Doris Bugeja | 250.00 | 8502 |
| 14 | Danza Karnival | Gozo College Xewkija | 160.00 | 8503 |
| 15 | Danza Karnival | Aguis De Soldanis School | 70.00 | 8504 |
| 16 | Danza Karnival | Marlene Bajada | 70.00 | 8505 |
| 17 | Cancelled | | | 8506 |
| 18 | Danza Karnival | Gozo College Gharb | 70.00 | 8507 |
| 19 | Danza Karnival | Laura Vicuna School | 70.00 | 8508 |
| 20 | Danza Karnival | Gozo College School Sannat | 70.00 | 8509 |
| 21 | Rigali Ikla tal-Milied | La Fayette | 39.61 | 8510 |
| 22 | Karru Karnival | Darren Pace | 250.00 | 8511 |
| 23 | Karru Karnival | Carmen Buttigieg | 180.00 | 8512 |
| 24 | Karru Karnival | Fabian Xuereb | 160.00 | 8513 |
| 25 | Karru Karnival | Salvu Haber | 150.00 | 8514 |
| 26 | Karru Karnival | Maria Spiteri | 135.00 | 8515 |
| 27 | Karru Karnival | Lucy Saliba | 120.00 | 8516 |
| 28 | Karru Karnival | Tanya Attard | 90.00 | 8517 |
| 29 | Karru Karnival | Paul Saliba | 75.00 | 8518 |
| 30 | Karru Karnival | Glorianne Cauchi | 60.00 | 8519 |
| 31 | Karru Karnival | Mary Azzopardi | 25.00 | 8520 |
| 32 | Karru Karnival | Mario Spiteri | 25.00 | 8521 |
| 33 | Karru Karnival | Michelle Azzopardi | 25.00 | 8522 |
| 34 | Karru Karnival | George Zammit | 300.00 | 8523 |
| 35 | Karru Karnival | Paul Mompalao | 150.00 | 8524 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 36 | Karru Karnival | Anthony Said | 200.00 | 8525 |
| 37 | Karru Karnival | Joseph Christ Saliba | 125.00 | 8526 |
| 38 | Karru Karnival | Antonio Sciberras | 100.00 | 8527 |
| 39 | Karru Karnival | Ruth Zammit | 60.00 | 8528 |
| 40 | Karru Karnival | Jonathan Azzopardi | 50.00 | 8529 |
| 41 | Karru Karnival | Joanne Parnis | 50.00 | 8530 |
| 42 | Karru Karnival | Josette Zerafa | 40.00 | 8531 |
| 43 | Petty cash Frar 2011 | Cash | 80.50 | 8532 |
| 44 | Salarju Marzu 2011 | Segretarju Eżekuttiv | 1532.57 | 8533 |
| 45 | Salarju Marzu 2011 | Assistant Principal | 1251.22 | 8534 |
| 46 | Mayors' Allowances Marzu 2011 | Sindku | 530.33 | 8535 |
| 47 | Taxxa u Bolla Marzu 2011 | C.I.R. | 1006.10 | 8536 |
| 48 | Mepa Permit Re Pub.Con. | MEPA | 2045.74 | 8537 |
| 49 | Avviż Quotation 2011/03-04 | Dept. of Information | 9.32 | 8538 |
| 50 | Servizz Librerija Frar 2011 | Monica Mercieca | 234.40 | 8539 |
| 51 | Materjal | Hilite | 80.43 | 8540 |
| 52 | Żebgħa | Reno's Ironmongery | 89.66 | 8541 |
| 53 | Toner, etc | Island Tech | 120.50 | 8542 |
| 54 | Kurduna Bankina Triq il-Knisja | J.C.R. Ltd. | 32.71 | 8543 |
| 55 | Renewal Insurance | Elmo Insurance | 178.03 | 8544 |
| 56 | Employers Liabilty Insurance etc. | Elmo Insurance | 557.41 | 8545 |
| 57 | Servizz Karnival | Guard & Ward. Serv. Ltd. | 326.78 | 8546 |
| 58 | Siment | Hilite | 10.05 | 8547 |
| 59 | Flyers u posters Karnvial 2011 | JDB digital printing | 197.25 | 8548 |
| 60 | Tokens Karnival 2011 | Horace Enterprises Ltd. | 212.40 | 8549 |
| 61 | Pjanti (hedges) | Dept. Of Proj. & Dev.Agr. | 54.80 | 8550 |
| 62 | Armar għall-Karnival | Anthony Buhagiar | 479.08 | 8551 |
| 63 | C.M. fees Frar 2011 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 88.40 | 8552 |
| 64 | Tindif tat-toroq Frar 2011 | Xewkija Tigers F.C. | 923.81 | 8553 |
| 65 | Sinjali tat-traffiku (Tabelli) | Raphael Refalo | 702.38 | 8554 |
| 66 | Żebgħa tat-toroq (traffiku) | Mario Mallia | 359.76 | 8555 |
| 67 | Servizz Triq Ċanga | Guard & Ward. Service Ltd. | 31.68 | 8556 |
| 68 | Kera ta' Blankas | Dept tal-Artijiet | 256.23 | 8557 |
| 69 | Servizz Librerija Marzu 2011 | Monica Mercieca | 260.77 | 8558 |
| 70 | Refuse Collection Frar 2011 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2054.46 | 8559 |
| 71 | Springs (hedge trimmer) | Bonnici Stores Ltd. | 2.00 | 8560 |
| 72 | Madum għall-bankina Triq il-Knisja | Ellis Ltd. | 250.00 | 8561 |
| 73 | Servizz Karnival | Kummissarju tal-Pulizija | 231.55 | 8562 |
| 74 | Alarm System 2010 | Datanet Sec. Systems Ltd. | 54.96 | 8563 |
| 75 | Screening Fee (Permess -Lat.Pub.P.) | John Saliba | 50.00 | 8564 |
| 76 | Tindif Uffiċċju Kunsill Marzu 2011 | Publia Xerri | 60.00 | 8565 |
| 77 | Tindif Uffiċċju Kunsill Marzu 2011 | Pauline Xerri | 60.00 | 8566 |
| 78 | Cleaning of Public Convenience | Dir. Tour. & Econ. Dep. | 255.19 | 8567 |

XEWKIJA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 79 | Kiri ta' siġġijiet - Karnival 2011 | Manuel Mercieca | 132.50 | 8568 |
| 80 | Dramm 'Praspar ta' Gori'-Karnival '11 | Arċipriet C. Mercieca | 240.00 | 8569 |
| 81 | Aerobics/General Fitness Classes | Radu Gheorghe | 180.00 | 8570 |
| 82 | Servizz Defile taż-Żwiemel 2010 | Red Cross Society (Gozo) | 137.50 | 8571 |
| 83 | Connectivity Jannar-Marzu 2011 | MITA | 416.85 | 8572 |
| 84 | Internet Librerija ADSL Rentals | Go plc | 13.87 | 8573 |
| 85 | P.A. System - Karnival 2011 | Mario Borg | 310.00 | 8574 |
| 86 | Ritratti Karnival 2011 | John Apap | 105.00 | 8575 |
| 87 | Frar 2011 - Tipping Fees | WasteServe Malta Ltd. | 1250.83 | 8576 |
| 88 | Jannar 2011- Tipping Fees | WasteServe Malta Ltd. | 1250.83 | 8577 |
| 89 | Entertainment Karnival 2011 | Maria Homoki | 120.00 | 8578 |
| 90 | Annual Subscription | FEEC Malta & Gozo | 25.00 | 8579 |
| 91 | Delivery of Trophies | Gozo Express Services | 8.26 | 8580 |
| 92 | Kont tat-telefon u fax | Go plc | 294.40 | 8581 |
| 93 | Cancelled | | | 8582 |
| 94 | Website Update/DVD Karnival eċċ. | Philip Cassar | 405.00 | 8583 |
| 95 | Affarijiet Kukkanja-Karnival 2011 | Best Saver Supermarket | 380.00 | 8584 |
| 96 | Dwal u Armar tal-Karnival 2011 | Donald Camilleri | 615.00 | 8585 |
| 97 | Courier - Dokumenti (Awditur) | Connect express couriers | 5.00 | 8586 |
| 98 | Avviż Quotation 2011-03/2011-04 | Segretarju Permanenti OPM | 40.00 | 8587 |
| 99 | Refilled Toners | Island Tech | 19.00 | 8588 |
| 100 | Door to door post Xfafar flyers | Maltapost | 44.40 | 8589 |
| 101 | Salarju April 2011 | Segretarju Eżekuttiv | 1455.44 | 8590 |
| 102 | Salarju April 2011 | Assistant Principal | 1160.09 | 8591 |
| 103 | Mayors' Allowances April 2011 | Sindku | 530.33 | 8592 |
| 104 | Taxxa u Bolla April 2011 | C.I.R. | 932.10 | 8593 |
| 105 | Petty cash Marzu 2011 | Cash | 191.80 | 8594 |
| | | **Total €** | **29288.28** | |

Segretarju Eżekuttiv    Sindku    V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 423